# Skema għar-Riċerka u l-Iżvilupp Artistiku

**Linji Gwida u Regolamenti 2026**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠA: FRAR 2026

## ALLOKAZZJONIJIET

| BAĠIT GĦAS-SESSJONI | AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| EUR 100,000 | EUR 15,000 |

| KOFINANZJAMENT | ŻBORŻ |
|---|---|
| L-iskema tista' tkopri sa 80% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

## SKEDI TA' ŻMIEN

| SKADENZI | RIŻULTATI | SKEDI TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| is-17 ta' Marzu 2026 | is-6 ta' Mejju 2026 | is-7 ta' Mejju 2026 – is-7 ta' Novembru 2027 |

# 1. Introduzzjoni

L-*Iskema għar-Riċerka u l-Iżvilupp Artistiku* hija waħda mill-għodod tal-Kunsill Malti għall-Arti li tippermetti lil individwi, gruppi u organizzazzjonijiet jirriċerkaw, jippjanaw, jiżviluppaw, u jwettqu l-għanijiet strateġiċi u l-istrateġija kontinwa tal-Kunsill. Permezz tal-appoġġ lejn ir-riċerka u l-iżvilupp tagħhom stess għandhom jidentifikaw il-professjonisti u l-komunitajiet kreattivi fil-mira tagħhom filwaqt li:

- Jrawmu l-potenzjal kreattivi tagħhom u jappoġġjaw l-iżvilupp tagħhom, billi jħeġġu l-ħolqien konġunt, il-kollaborazzjoni u l-esperimentazzjoni.
- Jinvestu fl-eċċellenza artistika, billi jħeġġu livelli ta' riskju kreattiv, esperimentazzjoni, u l-involviment attiv tal-komunitajiet. Dan għandu jsir billi jappoġġjaw proġetti ta' kwalità, kif ukoll jidentifikaw it-talent u jħeġġu l-iżvilupp tiegħu.
- Jiddokumentaw u jwettqu riċerka dwar il-komunitajiet artistiċi u kulturali Maltin tal-imgħoddi u tal-preżent, kif ukoll jikkunsidraw u jesploraw il-wirt artistiku ta' Malta.

L-iskema tifforma parti mill-iskemi ta' finanzjament tal-Kunsill Malti għall-Arti mfassla biex jinvestu fi proġetti esploratorji li jippermettu lil professjonisti u komunitajiet kreattivi jesperimentaw, jittestjaw xogħolhom, jinvolvu lil sħabhom, ikunu rappreżentati b'mod xieraq fi kwistjonijiet ta' politika u strateġija, irawmu l-kollaborazzjoni, u jiżviluppaw aktar l-ideat tagħhom. L-applikazzjonijiet imressqa jistgħu jkunu parti mill-fażi inizjali ta' proġett/korp ta' xogħol usa' jew ikunu proposti awtonomi.

Din l-iskema se tiffoka fuq żewġ oqsma ewlenin. Fil-proġetti tagħhom, l-applikanti jistgħu jagħżlu li jiffukaw fuq wieħed minn dawn l-oqsma jew fuq it-tnejn li huma:

1. Il-prattika artistika
   - Riċerka f'kunċetti, tekniki, u suġġetti artistiċi
   - Riċerka esploratorja li tadotta approċċi innovattivi jew mhux ittestjati tul il-konċepiment, il-ħolqien u l-iżvilupp tax-xogħol artistiku
   - Riċerka dwar il-komunitajiet artistiċi ta' Malta, bil-ħsieb li tiddokumenta l-wirt artistiku ta' Malta b'mod miftuħ, inklużiv u sostenibbli.

2. L-involviment tal-komunità u tal-udjenza
   - L-esplorazzjoni ta' approċċi parteċipattivi għall-involviment tal-udjenza sabiex dak li jkun japprofondixxi l-involviment ma' udjenzi eżistenti jew ġodda
   - L-esperimentazzjoni b'metodi innovattivi ta' involviment empiriku mal-udjenzi
   - Riċerka dwar modi kif ittejjeb l-aċċess għall-arti u tippromwovi l-parteċipazzjoni inklużiva u diversità akbar fl-arti.

<u>Rekwiżiti konformi mal-Istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti</u>

F'konformità mal-impenn tiegħu li jappoġġja l-arti permezz tal-approċċ sostenibbli u responsabbli tiegħu għall-investiment pubbliku, il-KMA jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti għal dan li ġej f'konformità mal-Istrateġija 2025.

L-applikanti huma mitluba jikkunsidraw [id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi] meta jizviluppaw il-proposta tagħhom b'rabta ma' kif jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet u l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta' kulħadd fix-xogħol tagħhom. Il-pakkett ta' riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u jappoġġja l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta' kuljum.

L-applikanti huma meħtieġa wkoll jikkunsidraw il-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u ta' programmazzjoni tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u deċenti għall-artisti u l-prattikanti kreattivi li jħaddnu l-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, ir-rikonoxximent ta' ħiliet formali/informali/non-formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi deċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas dinamiku ta' referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f'Malta f'konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Definizzjonijiet

Attivitajiet li jaqgħu taħt is-settur kulturali u kreattiv:

1. L-Arti (il-letteratura, l-arti viżiva, il-mużika, l-arti tal-ispettaklu, attivitajiet interdixxiplinari)
2. Servizzi Kummerċjali Kreattivi (id-disinn, l-arkitettura, it-turiżmu kulturali u s-servizzi kulturali)s
3. Il-Patrimonju (l-artiġjanat, festivals u ċelebrazzjonijiet tradizzjonali, siti kulturali, antikitajiet)
4. Il-Midja (materjal ippubblikat u stampat, kontenut awdjoviżiv, inkluż il-produzzjoni ta' films u vidjos, servizzi ċinematografiċi, televixin, logħob diġitali, radju, midja online).

Applikant

- Applikant jista' jkun individwu, grupp jew organizzazzjoni. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati mal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni tal-*Iskema għar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Proġetti*.

Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formula tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur l-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-Iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel tul il-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjajru huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT tinħareġ f'isem il-benefiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju. F'każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika u għaldaqstant m'huwiex irreġistrat għal-VAT il-benefiċjarju għandu l-obbligu li jaċċerta ruħu li ser jingħata irċevuta fiskali għas-servizz jew xogħol li qed jingħata.

Bord tal-evalwaturi

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar Bord tal-Evalwaturi għal kull sejħa tal-Iskema. Il-bord maħtur jista' jkun magħmul minn professjonisti lokali jew barranin fis-settur tal-kultura u l-arti.

Diversità

- Differenzi individwali fl-età, fil-ġeneru, fl-orjentazzjoni sesswali, fil-ħila, fl-etniċità, fil-kultura, fit-twemmin, fil-lingwa u fl-isfond soċjoekonomiku fi ħdan il-komunitajiet, il-kreattivi u l-udjenzi.

Eliġibbiltà

- Qabelxejn isir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eleġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-ġesturi tal-Fond. Il-proposti li ma jinstabux eliġibbli ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati.

## Dokumentazzjoni obbligatorja

- Id-dokument(i) meħtieġ(a) kollha li jappoġġaw il-proposta tiegħek u jgħinu l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (eż. rekords preċedenti, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta' spazju, permessi jew oħrajn).

## Entitajiet irreġistrati

- Entità legalment stabbilita u rreġistrata f'Malta. Dawn l-entitajiet iridu jkunu rreġistrati mar-Reġistru Malti tan-Negozji, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar il-Kumpaniji f'każ ta' kumpanija jew sħubija, u f'konformità mal-Kodiċi Ċivili f'każ ta' fondazzjoni u organizzazzjoni/assoċjazzjoni.

## Evalwazzjoni

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida.

## Finanzjament massimu

- Hemm limitu massimu ta' €15,000 għal kull proġett. L-ammont mogħti jiġi deċiż każ b'każ skont il-proġett.

## Ġestjoni u amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni ta' din l-iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluża s-sottomissjoni online tal-applikazzjonijiet u l-aġġornamenti dwar il-proposti rebbieħa, għandha tintbagħat lill-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

## Grupp

- Għadd ta' persuni b'personalità ġuridika jew mingħajrha jistgħu jifformaw grupp. Waħda mill-persuni involuti trid tieħu r-rwol tat-tmexxija u jkollha r-responsabbiltà legali prinċipali mill-ġestjoni tal-proġett u tal-għotja. Din il-persuna għandha tkun ċittadina Maltija jew ikollha permess ta' residenza f'Malta jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti. Fil-każ ta' grupp, trid tiġi sottomessa applikazzjoni waħda mill-grupp għall-istess proposta. Applikazzjonijiet multipli sottomessi minn membri individwali ta' grupp għall-istess proposta se jkunu ineliġibbli u mhux se jiġu pproċessati.

## Impriża

- Impriża hija definita bħala entità involuta f'attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE (jiġifieri kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-forniment ta' oġġetti u servizzi f'suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li tiġi ffinanzjata bih. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikulari bħala impriża tiddependi għalkollox min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat ma tiddependix minn jekk l-entità tkunx ġiet stabbilita biex tiġġenera l-profitti. L-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu wkoll ifornu oġġetti u servizzi fis-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jibqgħu 'l barra mill-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża tibqa' dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel.

## Impriża waħda

- Din inkludi l-impriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda minn dawn ir-relazzjonijiet:

a. Impriża waħda bil-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;
b. Impriża waħda bid-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriża oħra;

c. Impriża waħda bid-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt magħmul ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatuti ta' assoċjazzjoni tagħha;
d. Impriża waħda, li tkun azzjonista jew membru ta' impriża oħra, li tikkontrolla waħedha – skont ftehim ma' azzjonisti jew membri oħra ta' dik l-impriża – il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-impriża.

L-intrapriżi li jkolhom xi waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) hawn fuq permezz ta' impriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu bħala impriża waħda.

## Individwu

- L-individwi li japplikaw għall-għotja jridu jkunu ċittadini Maltin jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

## Innovazzjoni

- Għall-iskop tal-Iskema għar-Riċerka u l-Iżvilupp Artistiku, l-innovazzjoni hija l-iżvilupp ta' ideat, prattiki, prodotti, jew metodi ġodda fejn ma jkunux intużaw qabel.
    - Innovazzjoni ta' prodott hija l-introduzzjoni ta' attività ġdida jew imtejba b'mod sinifikanti.
    - Innovazzjoni ta' proċess hija l-implimentazzjoni ta' prattiki, proċess ta' produzzjoni, metodu ta' distribuzzjoni jew attività ta' appoġġ ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti.

## Komunità

- Grupp ta' persuni li jikkondividu valuri, drawwiet, identitajiet jew prattiċi.

## Koperattivi

- Il-koperattivi għandhom ikunu rreġistrati mal-Bord tal-Koperattivi. Għal aktar tagħrif żur il-link https://maltacooperativefederation.coop/coops/bord-tal-koperattivi.

## Organizzazzjoni volontarja

- Organizzazzjoni li tkun stabbilita legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u jkollha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant awtorizzat legalment tal-organizzazzjoni.

## Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi

- L-entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti huma Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta, u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva.

## Professjonisti kreattivi

- L-individwi artistiċi u kreattivi kollha li huma attivi b'mod professjonali fis-setturi kulturali u kreattivi.

## Riċerka artistika bbażata fuq il-prattika

- Riċerka kreattiva prattika mmexxija minn professjonist kreattiv bil-għan li tiżviluppa kunċetti kreattivi.

## Żborż ta' Fondi

- L-għotja tingħata hekk kif indikat f'paġna 2 ta' dawn il-Linji Gwida u Regolamenti. Il-ħlas isir permezz ta' ċekk maħruġ f'isem l-applikant. Kull applikant li jressaq applikazzjoni jeħtieġ ikollu kont bankarju validu.

# 3. Eliġibbiltà

Qabelxejn il-proġetti jiġu skrinjati għall-eliġibbiltà teknika u artistika. Il-proposti ineliġibbli skont il-punti msemmija hawn taħt ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati.

**Żmien massimu eliġibbli għall-implimentazzjoni tal-proġett**: 18-il xahar.

## 3.1 Min jista' japplika?

Din l-iskema tappoġġja proposti mmirati biex jixprunaw lill-izvilupp artistiku, irawmu l-esperimentazzjoni u l-innovazzjoni, jimpenjaw, jiżviluppaw udjenzi kf ukoll jattiraw udjenzi ġodda, filwaqt li joħolqu esperjenzi bbażati fuq prinċipji ta' eċċellenza. Dan il-mekkaniżmu ta' appoġġ jinkuraġġixxi wkoll proġetti ta' riċerka bbażati fil-komunità.

L-iskema għandha żewġ għażliet – għażla ta' għajnuna mill-Istat (*State aid*) u għażla mingħajr għajnuna mill-Istat (*non-State aid*). L-għażla ta' għajnuna mill-Istat hija disponibbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, li għalihom l-għajnuna tingħata skont ir-Regolament *de minimis*. L-għażla mingħajr għajnuna mill-Istat hija disponibbli għal dawk l-applikanti li ma jwettqux attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, kif ukoll għal proġetti proposti li ma jinvolvux attività ekonomika bħal din. Għal aktar informazzjoni rreferi għat-Taqsima 9 ta' dawn il-linji gwida.

Barra minn hekk, l-applikanti jridu jikkwalifikaw bħala wieħed jew waħda minn dawn:

- Entitajiet irreġistrati mar-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta (inklużi kumpaniji, sħubiji, fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet/assoċjazzjonijiet)
- Gruppi, kollettivi u konsorzji
- Koperattivi rreġistrati
- Organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.
- Professjonisti kreattivi/artisti individwali.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

Dawn li ġejjin mhumiex eliġibbli biex japplikaw għall-*Iskema għar-Riċerka u l-Iżvilupp Artistiku*:

- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx komplut għax ma jinkludix dawn id-dokumenti obbligatorji:
    - kopja tal-karta tal-identità Maltija (quddiem u wara) jew il-permess ta' residenza f'Malta jew iċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew il-passaport Malti
    - statut iffirmat fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja
- Applikanti li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' applikant għal din l-iskema partikolari
- Benefiċjarji li ma onorawx impenji preċedenti ta' finanzjament
- Benefiċjarji li ma ressqux jew li ma kkonkludewx saż-żmien stipulat minn tal-inqas rapport finali wieħed b'rabta ma' għotja passata u ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti
- Fil-każ ta' entitajiet irreġistrati, entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali meħtieġa lir-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta

- Fil-każ ta' Grupp, applikazzjonijiet sottomessi minn membri individwali ta' dak il-Grupp
- Fil-każ ta' organizzazzjonijiet volontarji, organizzazzjonijiet volontarji li:
    - mhumiex irreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji
    - ma ppreżentawx il-kontijiet aġġornati tagħhom lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji
    - m'għandhomx indirizz irreġistrat fil-Gżejjer Maltin
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi permezz ta' voti stabbiliti mill-Gvern

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?

Din l-għotja tista' tkopri sa 80% tal-ispejjeż li ġejjin (sa massimu ta' €15,000 għal kull proġett, skont liem ammont ikun l-aktar baxx). L-20% l-oħra tal-ispiża totali tal-proġett ma jistgħux jitkoprew permezz ta' programmi oħra ta' finanzjament immexxija mill-Kunsill Malti għall-Arti.

- Abbonamenti ma' pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħra, fejn rilevanti
- Akkomodazzjoni standard (minbarra l-kiri fit-tul, jew parti minnu)
- Assigurazzjoni
- Diġitalizzazzjoni
- Dokumentazzjoni
- Ġestjoni tal-proġett (inklużi fost oħrajn l-amministrazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iżvilupp)
- Kiri ta' spazji
- Kiri/xiri ta' tagħmir (ix-xiri ta' tagħmir jiġi kkunsidrat biss jekk jitqies meħtieġ għall-proġett)
- Kontinġenza, sa massimu ta' 10% tal-ispejjeż totali
- Marketing/relazzjonijiet pubbliċi u komunikazzjonijiet, sa massimu ta' 10% tal-ispejjeż totali tal-proġett
- Materjal stampat
- Miżuri tas-saħħa u tas-sikurezza
- Produzzjoni
- Spejjeż indiretti sa massimu ta' 5% tal-ispejjeż totali (eżempji – servizzi: elettriku, ilma, tindif; konnessjonijiet tat-telefon/faks/internet; affrankament u posta; karti, linka/kartriġġ, kartolerija eċċ.)
- Spejjeż marbuta maċ-ċertifikazzjoni u/jew awditjar tad-dokumenti finanzjarji tal-proġett
- Tariffi artistiċi
- Tariffi oħra direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett (inklużi fost oħrajn ħlasijiet għal fornituri ta' servizzi, mentoraġġ, spejjeż legali, tariffi tar-reġistrazzjoni u tal-parteċipazzjoni, spejjeż lingwistiċi, sopratitli eċċ.)
- Viża tal-ivvjaġġar
- Vjaġġar (fil-klassi ekonomika), inklużi fost oħrajn it-trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru, il-kiri ta' karozzi/vetturi

Għal aktar tagħrif dwar kif għandek tippreżenta l-baġit tiegħek irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali dwar il-Baġit fuq https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelines/.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Ammonti li jaqbżu t-80% tan-nefqa totali tal-proġett
- Finanzjament għall-ħolqien jew iż-żamma ta' konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta' studju, premji jew scholarships
- Rimborż ta' salarji jew parti minnhom
- Spejjeż diġà koperti mill-baġits operazzjonali tas-soltu (spazju li sidu jkun l-applikant jew l-individwu/organizzazzjoni sieħba/ta' sostenn)
- Spejjeż diġà koperti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew minn programmi/skemi ta' finanzjament pubbliku oħrajn ġestiti jew koġestiti mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika, dipartiment tal-Gvern jew Ministeru ieħor
- Spejjeż retroattivi
- Sussistenza, catering u ospitalità
- Tariffi għal servizzi pprovduti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew minn aġenzija pubblika, dipartiment tal-Gvern jew Ministeru ieħor
- VAT li tista' tinġabar lura, fejn applikabbli

## 3.5 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

L-attivitajiet li ġejjin **mhumiex** eliġibbli għal dan il-Fond:

- Applikazzjonijiet għall-ħolqien jew iż-żamma ta' konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta' studju, premji jew scholarships
- Applikazzjonijiet imressqa minn entitajiet pubbliċi b'vot fuq linja baġitarja jew mingħajru
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data tal-iskadenza
- Applikazzjonijiet mhux kompluti. Irreferi għat-Taqsima 5.1 – Lista ta' Kontroll
- Applikazzjonijiet sottomessi minn membri individwali ta' grupp (l-applikant irid ikun il-grupp)
- Applikazzjonijiet sottomessi minn applikanti li mhumiex kontribwenti f'Malta.
- Attivitajiet bil-għan li jinġabru fondi jew jagħmlu propaganda politika
- Attivitajiet li mhumiex relatati mal-kultura, mal-arti u mal-industriji kreattivi
- Attivitajiet ta' natura intrinsikament awtosostenibbli
- Avvenimenti li jsiru fuq bażi regolari, inklużi proġetti annwali, festivals annwali, spettakli skolastiċi/annwali, programmi ta' taħriġ regolari
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, Annual Cultural Activities Scheme, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta Arts Scholarships jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-Istat b'riżq l-arti/kultura Maltija
- Moduli individwali akkreditati bħala parti minn kors edukattiv jew minn riċerka bħala parti minn programmi akkademiċi stabbiliti
- Proġetti b'durata li ma tidħolx eżatt fl-iskeda taż-żmien eliġibbli
- Proġetti li ser ikunu diġà tlestew qabel in-notifika tar-riżultat lill-applikant(i)
- Spejjeż fuq attivitajiet u festi tradizzjonali.

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata barra mill-ambitu tal-*Iskema għar-Riċerka u l-Iżvilupp Artistiku* mhijiex eliġibbli għal dan l-appoġġ.

L-applikanti jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni waħda għall-istess sejħa. Madankollu kull sessjoni tista' tiffinanzja applikazzjoni waħda biss.

# 4. Evalwazzjoni

Il-Bord tal-Evalwaturi jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kriterji li ġejjin:

## 4.1 Kriterju 1: Il-kunċett (40 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-idea(t) tal-kunċett tal-proposta, ir-rilevanza tal-kollaboraturi involuti, u l-valur miżjud miksub mill-benefiċjarju, il-kollaboraturi u l-parteċipanti. Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 500 kelma:

- X'inhi l-mistoqsija ewlenija tar-riċerka tiegħek? X'inhuma l-miri tiegħek? X'valur se żżid ir-riċerka mal-prattika kreattiva attwali tiegħek? Barra minn hekk, kif se tikkontribwixxi biex il-komunità tkun impenjata jew indirizzata permezz tal-proġett? Jekk jogħġbok esprimi l-viżjoni tiegħek, l-għanijiet tal-proġett ta' riċerka, l-eżiti antiċipati tiegħu u l-ħidma bażika li għamilt biex tiżviluppa l-kunċett. (L-applikanti għandhom iqisu wkoll kif il-proposta tallinja mal-prinċipji fi ħdan id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi u l-Karta għall-Istatus tal-Artist bħal fit-Taqsima 1) (20 marki)
- B'liema modi l-proġett ta' riċerka propost huwa innovattiv? L-għotja kif ser tgħinek tesperimenta u tterraq lil hinn mill-konfini diġà stabbilti permezz tax-xogħol propost u l-kollaborazzjonijiet involuti? (10 marki)
- Għaliex dan il-proġett ta' riċerka huwa importanti għall-iżvilupp artistiku tiegħek u, għal dak tal-kollaboraturi tiegħek? Kif se jgħinek tikber u tiffaċċja kwalunkwe sfidi li stajt identifikajt f'dan l-istadju fl-iżvilupp kreattiv tiegħek? Jekk jogħġbok ipprovdi t-*trackrecord* u/jew il-portafoll tiegħek, kif ukoll dak tal-kollaboraturi tiegħek, sabiex tispjega kif dan il-proġett se jgħin fl-iżvilupp tiegħek u tal-kollaboraturi involuti. (5 marki)
- X'inhuma l-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni ta' din il-proposta? (5 marki)

## 4.2 Kriterju 2: Il-ġestjoni tal-proġett (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-livell ta' impenn u tħejjija qabel it-tressiq tal-applikazzjoni kif ukoll il-pjan propost biex twassal u tikseb l-għanijiet u l-miri tagħha. Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 300 kelma:

- Agħti pjan ċar tal-metodoloġija tar-riċerka li ser tintuża matul il-perjodu tar-riċerka. Agħti l-bażi loġika tal-metodoloġija magħżula minnek. Inkludi l-iskedi taż-żmien, il-pjan ta' ħidma mal-kollaboraturi involuti u pjan gradwali dwar kif ser tiżviluppa l-proġett tar-riċerka. (10 marki)
- Jekk jogħġbok identifika kwalunkwe riskju u limitazzjoni li l-proġett ta' riċerka tiegħek jista' jiffaċċja biex jilħaq il-miri tiegħu. (10 marki)

## 4.3 Kriterju 3: L-involviment tal-udjenza (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp ta' udjenzi stabbiliti u ġodda, kif ukoll il-pjanijiet ta' disseminazzjoni għall-proġetti ta' riċerka. L-impenn jirreferi għan-natura tal-involviment u l-esperjenza offruti lill-udjenza. Id-disseminazzjoni tirreferi għall-metodi adottati mill-applikant biex ixandar ir-riżultati tal-proġett. Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 300 kelma:

- Liema udjenzi jew komunitajiet se jimmira dan il-proġett, u għalfejn? Il-proġett kif se jilħaqhom? Il-proġett jadotta approċċ parteċipattiv li jagħti lok għad-diversità u l-inklużjoni? (10 marki)

- Il-proġett kif se jiddokumenta l-proċess tiegħu għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni jew tas-sejbiet? (5 marki)
- Għal liema wirt qed jimmira l-proġett? (5 marki)

## 4.4 Kriterju 4: Il-baġit (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra kemm il-pjan baġitarju ppreżentat huwa ppjanat b'mod tajjeb u realistiku. Biex jippreżentaw każ aħjar f'termini ta' dan il-kriterju, l-applikanti iridu jipprovdu stimi biex jissostanzjaw il-baġit. Jekk jogħġbok irreferi għall-mudell tal-baġit fil-formula tal-applikazzjoni. Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 300 kelma:

- Ipprovdi tqassim ċar tal-baġit inklużi spejjeż relatati direttament mal-proġett propost. (10 marki)
- Spjega r-raġuni/jiet għall-ispejjeż tal-proġett. (5 marki)
- Ipprovdi kwotazzjonijiet biex tappoġġja l-baġit tiegħek (5 marki)

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Iċċekkja jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn din l-Iskema.
3. Agħfas fuq il-link li jieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti biex tapplika. Jekk m'għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq 'Irreġistra' u imla d-dettalji.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti huma mitluba joħolqu profil fis-CRM tal-KMA minn tal-anqas ġimgħatejn qabel id-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Kemm-il darba jkollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formula tal-applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formuli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill qabel id-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill għandu d-diskrezzjoni esklużiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni, l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett, deskrizzjoni fil-qosor u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inkluża d-dokumentazzjoni li tappoġġja l-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Lista ta' kontroll

Sabiex ikunu kompluti, l-applikazzjonijiet iridu jkunu akkumpanjati minn:

- Bijografija/CV artistika (tal-applikant u tal-membri tat-tim tal-proġett) li għandha tiġi inkluża fit-taqsima tal-Profil tal-Applikant tal-applikazzjoni)
- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta
- Formola ta' dikjarazzjoni *de minimis*, kif applikabbli
- Ittri ta' aċċettazzjoni mill-istituzzjonijiet, il-pjattaformi jew il-postijiet rilevanti (fejn applikabbli)
- Ittri ta' intenzjoni mill-kollaboraturi
- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT Malti (fejn applikabbli)
- Kopja ta' dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul li juri li l-applikant huwa kontribwent f'Malta
- L-aħħar Ċertifikat ta' Reputazzjoni Tajba (fejn applikabbli). Dan id-dokument jiġġedded kull sena mir-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta u jagħti prova ta' konformità
- Materjal awdjoviżiv/portafoll li juri x-xogħol tal-applikant, b'relevanza għall-proposta
  Materjal awdjoviżiv sa 5MB jista' jittella' direttament fil-formula tal-applikazzjoni. Fajls akbar jistgħu jiġu pprovduti bħala link (fejn applikabbli)
- Prova tar-reġistrazzjoni legali tal-organizzazzjoni/kumpanija (fejn applikabbli)

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Din l-iskema hija kompetittiva u tiġi evalwata minn bord ta' esperti rilevanti skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju għandu allokat għadd ta' marki speċifiċi. Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proġetti jridu jiksbu medja ta' mill-inqas 60 marka.

Madankollu s-sessjoni ta' evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti mressqa u mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk jekk proġett jikseb 60 marka jew aktar ma jfissirx awtomatikament li ser jingħata l-fondi. Il-Bord tal-Evalwaturi jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi totali disponibbli għal sejħa partikulari kemm-il darba l-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont il-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwaturi magħżulin mill-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. Il-Kunsill jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni dwar kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 6.1 Komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2 għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament nehmżu wkoll kopja tal-formula tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwaturi, dejjem skont il-kriterji tal-fond.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet u s-sommarji tal-proġetti li jingħataw il-fondi. Fil-każ ta' proġetti li ma jingħatawx il-fondi jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-amministraturi, il-ġesturi u l-evalwaturi tal-Iskema titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi wkoll fil-ftehim tal-għotja.

# 7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett

Il-benefiċjarji għandhom jipprovdu d-dokumentazzjoni kollha b'sostenn għall-applikazzjoni u l-pjan baġitarju fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-ittra ta' notifika. Il-Kunsill Malti għall-Arti jaċċetta sa 5% varjazzjoni mill-ispiża totali proposta. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju tappoġġja kwalunkwe varjazzjoni mill-ispiża totali proposta. **Il-Kunsill f'ebda ċirkostanza mhu ser ikun f'pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija**.

Malli tintbagħat u tiġi approvata d-dokumentazzjoni obbligatorja msemmija hawn fuq, jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-Iskema. L-għotja tingħata biss meta jitlesta l-proċess imsemmi hawn fuq fl-iskeda taż-żmien stabbilita.

70% tal-ammont totali allokat mill-Bord tal-Evalwaturi jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. It-30% l-oħra jitħallsu wara li l-benefiċjarju jressaq ir-rapport finali u jiġi approvat mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo uffiċjali tal-Kunsill fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-proġett ġie appoġġjat bl-għotja kif ġej: **Dan il-proġett huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti**. Dan għandu jsir fil-materjal kollu maħsub għall-marketing, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-istampa. L-għotja mogħtija għandha tintuża esklużivament għall-għan li ngħatat għalih, f'konformità mal-proposta mressqa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill minnufih jekk waqt it-twettiq tal-proġett jiżvolġu bidliet li jaffettwaw lin-natura tiegħu. Ma jistgħux jiġu implimentati bidliet mingħajr ma tkun ingħatat ebda approvazzjoni. Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk xi bidla fil-proġett titqies mhux konformi mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjonijiet ma' rappreżentanti tal-Kunsill għal finijiet ta' monitoraġġ, kemm waqt it-twettiq tal-proġett kif ukoll wara t-tlestija.

Il-Kunsill jirriżerva wkoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-infiq totali jkun inqas minn dak stmat fil-formola tal-applikazzjoni.

## 7.1 Rapport

Fi tmiem il-proġett tiegħek tintalab tibgħat rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol imwettaq u l-kisbiet tal-proġett sa mhux aktar minn tmien (8) ġimgħat wara li tikkonkludi l-proġett. Il-Kunsill Malti għall-Arti jipprovdilek mudell għar-rapport tiegħek. Jekk relevanti, flimkien ma' dan ir-rapport il-benefiċjarji għandhom jinkludu kopji ta' kwalunkwe ritratti u vidjows b'riżoluzzjoni għolja, materjal ta' marketing, reklamar jew informazzjoni relevanti żviluppat għall-proġett iffinanzjat. Il-benefiċjarji jintalbu jressqu wkoll evidenza tal-proċess tar-riċerka li għandha tinkludi dokumentazzjoni viżiva (tal-inqas 5 immaġnijiet b'riżoluzzjoni għolja), blogs u dokumentazzjoni oħra.

Il-benefiċjaru għandu jipprovdi baġit dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq. It-tqassim tad-dħul u l-infiq għandu jitħejja f'konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjati ma' dawn il-linji gwida u regolamenti, u għandhom jiġu ċċertifikati minn accountant jew awditur b'warrant.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jitlob lill-Benefiċjarju biex jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew irċevuti fiskali biex isostni l-baġit dettaljat iċċertifikat.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirkupra l-fondi jekk dawn ma jkunux qed jintużaw u/jew ikunu qed jintużaw ħażin u/jew ma jkunux qed jintużaw skont il-baġit tal-applikazzjoni.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt juża l-materjal tal-proġett imressaq minnek.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri u r-regolamenti stipulati f'dawn il-linji gwida. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern.
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġetti tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet tal-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tkun finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Fondi, il-Kunsill Malti għall-Arti, fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill jifforma bord biex jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.

# 9. Applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

## 9.1 Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat applikabbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE

L-iskema ta' Għajnuna mill-Istat se tiġi implimentata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis.*

Dan ir-Regolament japplika għal għajnuna mogħtija lill-impriżi fis-setturi kollha, ħlief għal:

1. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u tal--akkwakultura;
2. għajnuna mogħtija lil impriżi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat fuq il-bażi tal-prezz jew il-kwantità tal-prodotti mixtrija jew imqiegħda fuq is-suq;
3. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli;
4. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:
    i. meta l-ammont tal-għajnuna jkun stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew kwantità ta' prodotti ta' dak it-tip mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati;
    ii. meta l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produtturi primarji;
5. għajnuna lil attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, l-aktar għajnuna marbuta direttament ma' kwantitajiet esportati, it-twaqqif u l-operazzjoni ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;
6. għajnuna li tiddependi mill-użu ta' oġġetti u servizzi domestiċi u servizzi bi preferenza fuq oġġetti u servizzi importati.

L-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż l-ammont ta' €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin. Dan il-perjodu huwa vvalutat fuq bażi kontinwa.

Dan il-limitu massimu jinkludi l-Għajnuna mill-Istat kollha mogħtija minn din l-iskema ta' għajnuna u kull miżura oħra ta' Għajnuna mill-Istat implimentata skont ir-Regolament *de minimis*, inkluża dik mogħtija minn kwalunkwe entità għajr il-Kunsill Malti għall-Arti. Kull għajnuna *de minimis* li taqbeż il-limitu stabbilit trid tiġi rkuprata bl-imgħax mill-impriża li tkun irċeviet l-għajnuna.

F'dan ir-rigward ser jiġu rrispettati r-regoli dwar l-akkumulazzjoni tal-għajnuna kif deskritti fl-Artikolu 5 tar-Regolament *de minimis*.

L-applikanti għandhom jissottomettu dikjarazzjoni *de minimis* illi tindika kiwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li jkunu rċevew jew applikaw għaliha matul it-tliet snin preċedenti. Dan jiżgura li l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħti lil impriża waħda skont ir-regola *de minimis* ma jaqbiżx il-limitu *de minimis* fuq il-perjodu ta' tliet snin applikabbli.

Jekk applikant magħżul ma jkunx eliġibbli biex jirċievi għajnuna *de minimis*, l-applikant jitqies bħala ineliġibbli u għaldaqstant l-għotja tingħata lill-applikant ikklassifikat warajh.

F'konformità mar-Regolament *de minimis* dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekords dwar l-għajnuna *de minimis* jinżammu tul 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat għajnuna minn din l-iskema.

9.1.1 Pubblikazzjoni fir-Reġistru Ċentrali
F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament *de minimis*, mill-1 ta' Jannar 2026, informazzjoni dwar għajnuna *de minimis* mogħtija taħt din l-iskema se tkun disponibbli pubblikament f'reġistru ċentrali.

Din l-informazzjoni se tkun pubblika:
- identifikazzjoni tal-benefiċjarju
- l-ammont tal-għajnuna
- id-data tal-għotja
- l-istrument tal-għajnuna, u
- is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('NACE classification')

## 9.2 Għażla mingħajr għajnuna mill-Istat

Applikanti li ma jwettqux attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFEU jistgħu japplikaw għall-iskema. Applikazzjonijiet għal proġetti proposti li ma jagħtux lok għal attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE jistgħu ukoll jitressqu għall-finanzjament.

Fir-rigward ta' dawn l-applikanti u applikazzjonijiet r-regoli deskritti fit-Taqsima 9.1 mhumiex applikabbli.

# Teħtieġ parir?

Qabel it-tressiq tal-applikazzjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta' konsultazzjoni biex jgħinek tiżgura l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu disponibbli matul kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek ikunux konformi mal-mekkaniżmu tal-appoġġ inkwistjoni u nagħtuk feedback dwar il-mod kif qed tippjana li tippreżenta l-proġett. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba' ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b'hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Il-Linji gwida aġġornati fis-27 ta' Jannar 2026**